**KUNSILL LOKALI NADUR**

# Minuti tat-Tnejn u sittin (62) Laqgħa b'Urgenza tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## It-Tnejn 29 ta' April, 2019, fil-5:15pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**
   Kien hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u l-Kunsillier Michael Camilleri informaw li ma jistawx jattendu. Dawn ġew skużati minn dawk preżenti.

2. **Financial Statements 2018**
   Is-Sindku ta' bidu għal din il-laqgħa li kienet imsejħa biex jiġu approvati l-Audited financial statements għas-sena 2018. Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-accountant tal-Kunsill – Michelle Camilleri. Prezenti għal Audit kien hemm l-Accountant tal-Kunsill u s-Segretarja. Is-Sindku spjega li kien hemm xi adjustments minn naha ta' l-awdituri li mhumix reali. Fost dawn l-adjustments kien hemm il-kont tat-turf tal-ground li intbgħat lil Kunsill fis-sena 2018 u fejn id-'*Development Planning Fund*' għamlu pagament lil Kunsill fis-sena 2019 ta' dan l-ammont u l-Kunsill reggħa ħareġ dan l-ammont lil Kuntrattur fis-sena 2019. Fil-verita din mhux spiża li inħarget minn naħa tal-Kunsil izda minn naħa tad-'*Development Planning Fund'*. Adjustment ieħor li għamlu l-Awdituri kien l-ammont li l-Kunsill irċieva fuq kont il-bank fuq it-Toroq Rurali biex jitħallas il-Kuntrattur. Dawn il-fondi mhux fil-verita' tal-Kunsill izda fondi tal-EU li jidhru biss fuq il-Kunsill u l-Kunsill l-anqas jista' joħrog il-pagament hu izda l-'*Managment Authority Rural Development'.* Is-Sindku spjega li għalkemm spjegajna lil Awdituri dawn l-affarijiet xorta l-awdituri talbu biex dawn jitpoġġew fis-sena 2018. Kien hemm ukoll xi adjustments fuq id-*depreciation*. Is-Sindku kompla jgħid li minħabba dawn l-adjustments il-figuri tal-Financial Statements ma ġewx jirriflettu ir-realta' tas-sitwazzjoni Finanzjarja. L-Accountant rrispondiet numru ta'

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera preżenti. Wara diskussjoni mal-Accountant dan ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

### 3. Il- Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fil-5:45pm

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva